# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Hamis, 18 ta' April, 2019**

**Mandat Inibizzjoni numru 217/19TA**

**Rosanne Micallef ezercitanti l-kummerc taht l-isem Ta' Jimmy Food Packing**

**vs**

**Maged Fawzy Shokry Iskandar xi drabi indikat bhala Eskandar u martu Hyman Yakoub Mesak Ghbryal**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Rosanne Micallef tat-18 ta' Frar, 2019.

Rat id-Digriet taghha tat-18 ta' Frar 2019.

Semghet ix-xhieda taz-zewg partijiet fis-seduta imsemmija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li ir-rikors thalla ghal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan huwa rikors ai termini tal-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ewwel subartikolu ta' dan l-artiklu l-ligi tghid li "Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab **ukoll**…." (emfazi tal-Qorti). Dan ma jfissirx li ghalhekk il-Qorti ma hiex prekluza li tiddeklina li tilqa' t-talba ghall-hrug ta' mandat bhal fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Lill-Qorti dejjem irid jirrisultalha li min ikun qieghed jitlob li jinhareg mandat ta' din ix-xorta jrid jipprova li ghandu prima facie drittijiet x'jikkawtela. Izda anke f'dan ir-rigward, galadarba dan il-mandat qieghed jintalab abbazi tal-artiklu 874 tal-Kap 12 dawn il-Qrati jghallmu li ghalkemm huwa minnu li dan l-element huwa mehtieġ bhal fil-kaz ta' kull mandat ta' inibizzjoni iehor, madanakollu, ma jistax jinghad li l-kriterji huma precizament l-istess. Dan jinghad ghaliex, ghall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-kejl wahdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-hruġ ta' Mandat bhal dak taqbizx l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmi (€11,646.86). Jekk taqbez dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'ghajn tar-rikorrent biex jinhareg il-Mandat mitlub (ara **Decizjoni fl-ismijiet Kleanen Maniscalco et -vs- A.X.T Properties Ltd tal-4 ta' Awwissu 2015 per Imhallef Joseph R. Micallef u Provvediment fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 340/2018 AF tat-3 ta' April 2019 fl-ismijiet LIDL Immobiliare Malta Limited -vs- Qamar u Xemx Ltd per Imhallef Anna Felice).**

Huwa veru ukoll li sa fejn jirrigwarda dan il-mandat, il-Qrati taghna jiddispensaw anke mill-element ta' pregudizzju irrimedjabbli. (Ara digriet fl-atti tal-**mandat numru 1578/2013/1 tal-4 ta Novembru 2013 per Imhallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Helen Borg pro et -vs- Anthony Pace pro et Prim Awla Qorti Civili).** B'danakollu l-Qorti ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Il-Qorti kellha opportunita` li tisma' x-xhieda taz-zewg nahat u anke tara d-dokument li gie esebit markat bhala dok 'JM F1'. Minn dak li rat u semghet il-Qorti hija tal-konvinzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu peress li jesistu l-estremi mehtiega skont il-ligi biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija wara li rat kemm l-artiklu 873 u kif ukoll artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti fil-waqt li li qeghdha tikkonferma d-digriet provizorju taghha tat-18 ta' Frar 2019 qeghdha definittivament tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba fir-rikors taghha tat-18 ta' Frar 2018 u ghalhekk qed tordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-intimati sabiex jieqfu milli jaghmlu l-hwejjeg imsemmija fir-rikors imsemmi u cioe` milli jbieghu, jittrasferixxu jew b'mod iehor jiddisponu minn jew jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq jew bi kwalunkwe mod jghaddu t-tgawdija temporanja jew xorta ohra jiddisponu minn jew jimponu xi piz jew obbligazzjoni reali jew

personali fuq, jew bi kwalunkwe mod jghaddu t-tgawdija temporanja jew xort'ohra jinnegozjaw kull proprjeta` li ghandhom u b'mod partikolari il-Villa bin-numru ufficjali tlieta (3) bl-isem Villa Kasana fi Triq il-Virdun gia Triq bla isem li taghti ghal Triq Regionali fil-Kappara limiti ta' San Gwann.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet.

Spejjes ta' dawn il-proceduri a` karigu tal-intimati.

**Moghti kameralment illum, 18 ta' April, 2019.**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**